MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 208/1999/1

**Maryanne Gauci maghrufa wkoll bhala Anne Marie Gauci**

**vs**

**Anthony Gauci**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 29 ta' Jannar 1999 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-attrici ghamlet mandat ta' inibizzjoni f'kaz ta' separazzjoni personali minn zewgha, liema mandat pendenti trattativi bejn il-partijiet kien qieghed jigi mgedded regolarment konsenzjenti l-partijiet fil-process;

Illi r-rikors ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Civili ghadu mhux konkluz bid-digriet awtorizzanti l-proceduri ghas-separazzjoni personali u, ghalhekk, ma tistax tipprocedi ghas-separazzjoni personali u likwidazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti izda tista' tikkonferma permezz tac-citazzjoni odjerna l-mandat numru 3822/98 fejn l-attrici talbet li l-konvenut ma thalliex ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjeta` kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu parti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti , u b'mod partikolari l-ishma fid-ditta Carmelo Gauci Limited ta' Carga House, Old Railway Track, Santa Venera u blokk appartamenti taht konstruzzjoni bla isem, go Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar, kif ukoll li l-konvenut ma jithalliex jaghmel xi dejn jew garanzija li ta piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti, liema talba giet akkordata skond id-digriet numru 3822/98.

Illi ghalhekk, l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tikkonferma d-digriet tal-mandat numru 3822/98;

2. Tinibixxi definittivament li l-konvenut milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f'xi socjeta` kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, u b'mod partikolari l-ishma fid-ditta Carmelo Gauci Limited ta' Carga House, Old Railway Track, Santa Venera u blokk appartamenti taht kostruzzjoni bla isem, go Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar, kif ukoll li l-konvenut ma jithalliex jaghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 18a tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma bla bazi guridika peress li biex il-mandat (3822/98) kawtelatorju jibqa` fis-sehh, l-attrici kellha tiddeduci fil-gudizzju l-kawza ta’ separazzjoni personali li ghaliha kien jirreferi r-rikors taghha quddiem is-Sekond’Awla Civili meta talbet il-hrug ta’ l-imsemmi mandat. Izda r-rikors relattiv ghadu sa llum mhux finali ghax jinsab taht ri-ezami jew ritrattazzjoni.

2. Illi l-pretenzjoni esposta fil-mandat ta’ inibizzjoni numru 3822/98 hija fi kwalunkwe kaz esagerata u ingustifikata, ghax l-attrici ma ghandha ebda raguni serja bizzejjed biex tahseb li ser jigru l-affarijiet li bil-mandat imsemmi qed tipprova tinibixxi lill-eccipjent, lanqas *prima facie.*

Ghaldaqstant, din il-kawza hija biss vessatorja ghall-istess mandat oggett tal-kawza u l-Qorti rispettosament mitluba biex *in vista* ta’ l-ewwel eccezzjoni, tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju; u bla pregudizzju ghal dan, tiddikjara t-talbiet attrici nfondati fil-fatt u fid-dritt u tichadha bl-ispejjez kontra l-attrici, li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut *a tergo* ta’ fol.18a tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tas-16 ta’ Dicembru 1999; ta’ l-10 ta’ Jannar 2000; tal-15 ta’ Mejju 2000; tat-23 ta’ Gunju 2000; tal-11 ta’ Dicembru 2000; tat-2 ta’ Mejju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; u tat-13 ta’ Novembru 2001;

Rat l-avviz tal-21 ta’ Marzu 2002 minn din il-Qorti hekk diversament presjeduta fejn din il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif prezentament presjeduta;

Rat ir-rikors tal-21 ta’ Frar 2002 fejn il-konvenut talab lill-Qorti sabiex tordna:-

1. L nofs il-hlasijiet li ghamel a beneficcju ta’ spejjez propjament inkorsi u dovuti minn Anne Marie Gauci jitqiesu daqs hlasijiet akkont tal-manteniment dovut, u jsir l-*adjustment* necessarju kontra l-arretrati ta’ manteniment li hemm.

2. Jigi ridott drastikament il-manteniment li ghandu jithallas lil Anne Marie Gauci fil-pendenza ta’ din il-kawza, mehud kont ta’ verifika ta’ l-istat attwali tas-socjeta` Carmelo Gauci Ltd, li hi l-unika fonti ta’ dhul ghall-esponent sakemm ma jitbiddlux ghall-ahjar ic-cirkostanzi;

3. Anne Marie Gauci tigi obbligata tikkonsenjalu l-kollezzjoni tieghu tal-*model cars* u l-attrezzi relattivi u certi hwejjeg personali bhal ma huma *video-recorder,* xi *neckscarfs* u s-*cygnet ring* tad-deheb li kien irregalalu missierha l-mejjet, Richard Buhagiar;

4. Anne Marie Gauci tigi ordnata tiddikjara x’caqliq ghamlet bl-ghamara u *contents* ohra li kien hemm fid-djar fix-Xemxija u l-Mosta, fejn l-esponent ghandu sehem minn kollox in forza tal-komunjoni.

Rat id-digriet tat-22 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti cahdet it-talbiet kontenuti fl-istess rikors imsemmi.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarju.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-11 ta’ Gunju 2002 fejn talab lill-Qorti sabiex takkorda b’urgenza t-talba ghas-smigh tat-tlett rikorsi konnessi fl-20 ta’ Gunju 2002, bir-revoka kontestwali *contrario imperio* tat-tieni rikors fl-atti tac-citazzjoni 208/99 u li jigu decizi possibilment fl-istess jum;

Rat id-digriet tat-13 ta’ Gunju 2002 (a fol. 46);

Rat in-nota tal-konvenut datata 19 ta’ Settembru 2002;

Rat in-nota tal-konvenut li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu (a fol. 65):

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Ottubru 2002 fejn il-Qorti estendiet iz-zmien ghall-ahhar darba ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'erbghin (40) jum. Dr Bezzina ddikjarat li hlief ghall-affidavits m'ghandhiex provi aktar. Il-Qorti nnominat lil Dr Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tiffissa seduta wahda ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut. Il-Qorti sejjhet lill-konvenut biex jixhed. Il-partijiet prezenti qablu li ghandha tinbiegh il-karozza B.M.W. li bhalissa tinsab f'idejn il-mekkanik li hija proprjeta' tal-komunjoni. Din ghandha tinbiegh bl-intervent tat-tnejn, u min-nofs tar-rikavat ghandu jithallas il-manteniment. L-attrici ddikjarat li ilha sena ma tircievi manteniment. Il-partijiet qablu li d-dar tal-Mosta hija parafernali ta' l-attrici. Xehdet Maryanne Gauci. Dr Joseph R. Pace esebixxa nota b'zewg dokumenti: Dok. "AG 1" u Dok. "AG 2";

Rat ix-xhieda tal-konvenut (a fol. 78);

Rat ix-xhieda ta' l-attrici (a fol. 97);

Rat l-affidavit ta' Maryanne Gauci (a fol. 120);

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-20 ta' Frar 2003 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduti ta' l-10 ta' April 2003 fejn id-difensuri qablu li m'hemmx provi aktar f'din il-kawza. Dr Joseph R Pace iddikjara li peress li l-kawza 739/99, bejn il-partijiet marret dezerta, allura din il-kawza ma tistax tibqa' miexja wahedha. Dr Graziella Bezzina qablet li din il-kawza marret dezerta; u tas-27 ta' Mejju 2003 fejn Dr Anna Mallia assumiet il-patrocinju ta' l-attrici;

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 9 ta' Mejju 2003 fejn talbet lill-Qorti sabiex tordna lill-konvenut sabiex jghaddi s-somma ta' sebat elef lira Maltin (Lm7,000) lill-attrici, li hija nofs ir-rikavat tal-vettura kif ukoll hlas ta' arretrati ta' sena manteniment.

Rat id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2003;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Ottubru 2003;

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 4 ta’ Novembru 2003;

Rat il-verbal tad-9 ta’ Dicembru 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Novembru 2004; u tat-30 ta’ Novembru 2004 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza, il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Jannar 2005.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (a) Mertu tal-kawza attrici.

Illi l-attrici ottjeniet il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni numru 3822/98 kontra l-konvenut fejn hija talbet li huwa ma jithalliex ibiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu xi ishma f’xi socjeta’ kummercjali jekk dawk l-ishma jkunu parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti, u b’mod partikolari l-ishma fid-ditta Carmelo Gauci Limited ta’ Carga House, Old Railway Track, Santa Venera u blokk appartamenti taht kostruzzjoni bla isem, go Triq San Frangisk, San Pawl il-Bahar; kif ukoll li l-konvenut ma jithalliex jaghmel xi dejn jew garanzija li tkun ta’ piz fuq il-komunjoni ta’ l-akkwisti. Tali mandat kawtelatorju nhareg fid-29 ta’ Ottubru 1998.

Illi fid-29 ta’ Jannar 1999 l-attrici ntavolat din il-kawza sabiex tinibixxi definittivament lill-konvenut minn dak imsemmi fil-paragrafu precedenti. Illi jigi rilevat li l-attrici ppremettiet li r-rikors ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond’Awla ma kienx konkjuz bid-digriet awtorizzanti l-proceduri ghas-separazzjoni personali.

Illi l-konvenut minn naha tieghu eccepixxa preliminarjament li huwa ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li d-domandi attrici huma bla bazi guridika peress li biex il-mandat kawtelatorju

jibqa' fis-sehh l-attrici kellha tiddeduci fil-gudizzju l-kawza ta' separazzjoni personali li ghaliha kien jirreferi r-rikors taghha quddiem is-Sekond'Awla meta talbet il-hrug ta' l-imsemmi mandat.

**(b) <u>Provi Prodotti.</u>**

Illi fl-affidavit taghha l-attrici **Maryanne Gauci** xehdet dwar il-hajja matrimonjali taghhom u dwar kif sussegwentement zewgha beda` relazzjoni ohra ma' tfajla barranija. Hija xehdet ukoll li hija u zewgha ghandhom flus depozitati barra minn Malta, fl-Ingilterra u fl-Amerka u dan tafu ghax huma stess kienu jitilghu jaghmlu d-depoziti.

Illi meta ssejhet mill-Qorti hija xehdet li fuq il-kumpanija hija ma taf xejn. Hija qeghda toqghod fir-residenza taghha tal-Mosta li hija proprjeta' parafernali taghha. Hemm ukoll *flat* li huwa ta' ommha. Affarijiet antiki m'hemm xejn u l-affarijiet fid-dar tal-Mosta nghataw lilha mill-genituri taghha meta kienet ghadha xebba. Fiz-zwieg huwa qatt ma xtralha xejn. Jekk xtralha djamanti hija xtratlu wkoll. Hija xehdet ukoll li kienet ilha sena u xahar ma tircievi manteniment dakinhar tax-xhieda taghha. Hija m'ghandhiex flus il-bank imma huwa kellu. Infatti kienet ghamlitlu sekwestru fil-banek kollha.

Illi r-ragel keccietu mid-dar ghax kien vjolenti fl-1998. Tfal m'ghandhomx. Rigward il-mudelli antiki tal-karozzi li kien jheda bihom zewgha u li kienu x-Xemxija qalet li nsterqu fl-1999. Ghamlet rapport mal-Pulizija. Hija qalet li giet misruqa darba fl-1999 meta serqullha d-deheb u l-flus kollha mix-Xemxija; u t-tieni darba serqulha l-karozzi kollha.

Illi karozzi li jsuqu xehdet li darba kellha Mazda li r-ragel biegh u talabha tlett mitt lira Maltin (Lm300) biex ihallas il-BMW u dawk il-flus qatt ma tahomlha u hallielha d-dejn fuq il-karozza Alfa Romeo. *Inoltre* hallielha hafna dejn ta' kontijiet tad-dawl u *telephone* li ghadhom ma thallsux.

Illi hija trid il-manteniment u li jhallsilha l-kontijiet. Illi hija mhu qed tircievi xejn mis-*Social Services*. Hija qalet li m'hiex temmen li zewgha mhux qed jithallas.

Illi l-konvenut **Anthony Gauci** xehed dwar x'wassal ghall-problemi matrimonjali u allega diversi affarijiet fil-konfront ta' martu. Illi matul l-1999 u l-2000 huwa kien ikun puntwali hafna ghal zmien twil u anzi hallsilha spejjez varji. Izda tul l-2001 bdew xi diffikultajiet ta' hlas ta' salarju tieghu u tad-diretturi l-ohra u wara Lulju/Awissu 2001 ma baqax jircievi hlasijiet mis-socjeta' Carmelo Gauci Ltd hlief cekcik. Huwa sab ruhu la jista' jhallas kera ta' post fejn jghix u lanqas biex jiekol u kienet Gerda Foedermayer u huh Francis li ghenuh. Illi hafna minn dak li xehed fl-affidavit mhux daqshekk relevanti ghall-vertenza odjerna.

Illi meta ssejjah mill-Qorti huwa xehed li kien jahdem bhala Company Director u *salesman* fix-showroom ta' Carmelo Gauci Ltd. Meta gie ordnat ihallas manteniment ta' mitt lira Maltin (Lm100) fil-gimgha lil martu mis-Sekond'Awla huwa kellu ntrojtu ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltija (Lm144) fil-gimgha. Illi huwa ilu minn Ottubru 2000 ma jircievi aktar paga u dan ghax il-kumpanija qeghda ghall-likwidazzjoni. Hadd mid-Diretturi mhu qed jithallas. Mhu qed jaghmel xejn bhalissa. Huwa joqghod f'post mikri li qed jithallas mill-imsiehba tieghu. Hija ma tahdimx Malta pero` l-flus jibghatuhomlha l-genituri taghha b'cekk. Fil-*flat* huwa m'ghandu xejn hlief il-hwejjeg. Huwa qed jghix minn fuq il-*girlfriend* tieghu.

Illi in kontro-ezami xehed li l-kumpanija bhala proprjeta' ghandha blokk ta' bini li hija x-*showroom* ta' Carmelo Gauci Ltd imma huwa kkontrollat mill-Bank. Imbaghad hemm ukoll xi mhazen pero` huma wkoll ikkontrollati mill-Bank. Huwa obbliga ruhu li fi zmien sittin (60) gurnata jesebixxi dokument permezz ta' nota biex juri l-istat tal-kumpanija u l-assi taghha u taghti kopja lill-kontro-parti.

**<u>(c) Apprezzament tal-Provi u l-Azzjoni Attrici.</u>**

Illi l-eccezzjoni tal-konvenut hija bbazata fuq l-**artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** li huwa applikabbli ghall-mandat ta' inibizzjoni, in forza ta' l-**artikolu 875,** li jipprovdi li *"ir-rikorrent ghandu jaghmel* ***il-kawza ghall-jedd imsemmi*** *fil-mandat fi zmien sitt ijiem mill-kunsinna tal-avviz… … …".*

Illi dwar dan l-istess artikolu hemm diversi sentenzi li ippronunzjaw ruhhom fuq il-portata ta' l-istess artikolu u senjatament il-kawza fl-ismijiet **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Novembru 1991, fejn gie stabilit illi:-

*"Kull mandat kawtelatorju min-natura tieghu stess, ghandu validita' u hajja, sakemm u biex il-kreditur ikollu opportunita' li jikkonkretizza il-kreditu tieghu f' titolu esekuttiv ……… u jippermetti jesegwixxi kreditu li b' hekk ma jkollux bzonn ta' aktar kawtela".*

Illi ghalhekk l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-istess sentenza ghamlet id-differenza li tezisti bejn *"id-dritt ta' kawtela - cjoe' id-dritt procedurali - li ma huwiex id-dritt sostanzjali li jista' jigi kawtelat. Dawn huma zewgt drittijiet distinti u ma jistghux jigu ridotti u konfuzi fi dritt wiehed………Huwa ovvju li l-jedd imsemmi fil-mandat m' huwiex id-dritt li taghmel il-mandat imma huwa id-dritt li ghalih il-kreditur ghamel uzu mid-dritt li johrog il-mandat".*

Il-kwistjoni kollha hija li ma *"tikkonfondi l-kuncett ta' kawtela ma dik ta' garanzija ta' drittijiet".*

Illi ta' l-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"Catherine Terrence Sullivan vs Adrian Stivala et"** (K. (.F.) 17 ta' Marzu 1992) fejn it-talba kienet sempliciment sabiex jigi kkonfermat il-Mandat kawtelatorju. Il-Qorti qalet li ma hemm ebda fondament legali li tintalab konferma tal-Mandat kawtelatorju stante li *"il-ligi trid li mandati simili jigu msahhin u imwettqa b'citazzjoni, <u>li tkun allura allaccata mal-pretensjoni tar-rikorrenti</u> u mhux ma rikonferma ta' digriet gia moghti fil-kaz tal-mandat jew mandati. Certament ghalhekk it-talba kif maghmula hija improponibbli ghax ma hijiex kontemplata mill-ligi".*

Illi dan gie kkonfermat f'diversi sentenzi fejn saru talbiet sabiex jigi ikkonfermat in perpetwu mandat ta' inibizzjoni *sic et simpliciter* inkluzi fil-kawzi **"Connie mart Anthony Galea vs Joseph Gauci"** (P.A. (AJM) 4 ta' Ottubru 1993) li sostniet illi *"tali talba attrici ma hijiex permessa fil-ligi taghna billi twassal ghall-inibizzjoni perpetwa tal-konvenut milli jaghmel dak imsemmi fil-mandat minghajr ma jigi stabbilit jekk l-attur ghandux il-jedd, li irrizulta prima facie pruvat fil-proceduri tal-mandat".*

Illi tali sentenza **"C. Galea vs J. Gauci"** giet ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru 1997 anke peress li rrizulta li l-atturi iddeducew il-pretensjoni taghhom b'kawza separata, u ghalhekk ma kienx hemm bzonn konferma tal-mandat billi dan jibqa' *in vigore* sakemm tigi deciza l-pretensjoni ta' l-atturi.

Illi l-istess principji gew ikkonfermati fil-kawzi **"George Giordmaina vs Kristinu Giordmaina"** (P.A. (GV) 7 ta' Novembru 1995); **"Michael Axisa vs Grazio Patiniott"** (P.A. (M) 21 ta' Marzu 1996) u dan dejjem fuq il-bazi li *"l-ligi ma tikkontemplax il-possibilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti",* **"Louis Cuschieri vs. Dr. John C. Grech nomine"** (P.A. (G.V) 9 ta' Jannar 1997).

Illi fid-dawl ta' dawn id-decizjonijiet inghatat is-sentenza fl-ismijiet **"Anthony Abdilla et vs Emanuel Deguara et"** (P.A. (R.C.P) 4 ta' Marzu 1999) fejn gew amplifikati u applkati l-istess principji tant li inghad li jirrizulta ghahekk li sabiex wiehed jiddeciedi fuq tali natura ta' talbiet irid jigi ezaminat n-natura ezatta ta' l-azzjoni ittentata, u jekk bit-talbiet li jsiru, supplimentati mill-premessi ta' l-istess citazzjoni, l-attur ikunx qieghed jitlob l-affermazzjoni u esercitazzjoni tad-dritt sostantiv li ghandu, jew inkella jkunx merament qed jagixxi proceduralment biss, mhux ghall-asserzjoni ta' l-istess dritt sostantiv, izda ghall-kawtela tieghu.

Illi fl-ewwel kaz ovvjament it-talba tieghu tigi ikkunsidrata bhala valida *ai termini* ta' l-**artikolu 843**, (salv il-prova taghha), filwaqt li fit-tieni ipotesi tali talba ma hijiex

permessa mill-ligi, ghas-semplici raguni li ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet *ut sic* fl-astratt, kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentament jekk mhux bil-prova u asserzjoni tad-dritt sustantiv innifsu.

Illi fil-fatt hekk tispjega ruhha d-differenza bejn l-insenjamenti tal-kawza fuq citata **"Carmela Aquilina vs Francis X. Aquilina"** tas-27 ta' Novembru 1991 u dik tas-sentenza **"Alfred Cassar vs John Mallia"** tat-22 ta' Mejju 1995 moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (J.F), u d-diversi sentenzi fuq citati li jaqghu taht branka jew ohra ta' l-istess.

Illi ghalhekk il-gurisprudenza hija kostanti f' dan ir-rigward u stabbiliet konsistentament illi:-

(a) Talba sabiex mandat ta' inibizzjoni jigi kkonfermat in perpetwita' ma hijiex ammissibbli skond il-ligi taghna u senjatament kontra id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 843 tal-Kap 12.**

(b) Illi wara kull mandat ta' inibizzjoni, fit-terminu preskritt skond l-istess **artikolu 843 tal-Kap 12** ghandha ssir citazzjoni ghall-jedd imsemmi u kawtelat fil-mandat.

(c) Illi it-talbiet ghal tali konsegwiment u asserzjoni tal-jedd sostantiv ivarjaw skond id-dritt li jrid jigi vantat, u jista' jimporta talba sabiex il-konvenut jigi inibit milli jaghmel xi haga lill-attur, *proprio* minhabba id-dritt sostantiv ta' l-attur vantat u ezercitat fl-istess citazzjoni. (*vide* **"Cassar vs Mallia"** u **"D. Camilleri vs J. Camilleri"** fuq citati).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in kwistjoni jirrizulta li l-azzjoni attrici saret mill-attrici sabiex jigi kkonfermat id-digriet ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut numru 3822/98 u sabiex il-konvenut jigi kkundannat definitavament milli jiddisponi bil-mod indikat fic-citazzjoni attrici mill-ishma u proprjeta' li allegatament tappartjeni lill-komunjoni ta' l-akkwisti, li taghha l-attrici hija kompartecipi. Fil-fatt saret ukoll talba f'din il-kawza sabiex il-konvenut jigi inibit permanentement milli jbiegh, inehhi,

jittrasferixxi jew jiddisponi bi kwalunkwe mod xi ishma f'xi socjeta' kummercjali jekk dawk l-ishma jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti kif ukoll proprjeta'; u *inoltre* li ma jaghmilx xi dejn jew garanzija li tkun ta' piz fuq il-komunjoni. Ovvjament intalbet il-konferma ta' l-istess mandat ta' inibizzjoni.

Illi jirrizulta li l-attrici fic-citazzjoni nnifisha ppremettiet li r-rikors ghall-awtorizzazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali ma kienx gie degretat mill-Qorti tas-Sekond'Awla Civili. Sussegwentement hija pproponiet kawza ghal separazzjoni personali (Cit.Nru 739/99), liema kawza marret dezerta fl-1 ta' April 2003. Dwar dan il-fatt jidher li hemm qbil bejn il-partijiet.

Illi mill-artikoli fuq indikati ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni li tressaq 'il quddiem id-dritt sostantiv pretiz mill-attrici li hija kienet qed tittanta tipprotegi bil-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju kien dak ghax-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, anke f'kuntest ta' azzjoni ta' separazzjoni personali.

Illi f'dan l-istadju wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 876 (3) tal-Kap.12** (li gie emendat bl-**Att XXX1 tal-2002)** kif kien vigenti fiz-zmien tal-prezentata tal-vertenza odjerna. Dan kien jipprovdi:-

*"Jekk il-mandat jinhareg qabel ma' l-azzjoni ghas-separazzjoni tingieb quddiem il-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza, il-parti li tkun ghamlet it-talba ghall-hrug tal-mandat ghandha fi zmien erbat ijiem min-notifika ta' l-ezekuzzjoni tieghu jew fi zmien ghaxart ijiem mill-hrug tal-mandat, tibda' l-azzjoni quddiem il-qorti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza ghal separazzjoni personali meta l-qorti ta' gurisdizzjoni volontarja tkun awtorizzat dik l-azzjoni. Jekk meta johrog il-mandat ma tkunx inghatat l-awtorizzazzjoni, l-imsemmija azzjoni ghandha tinbeda fi zmien erbat ijiem minn dik l-awtorizzazzjoni."*

Illi b'hekk kien kontemplat fil-ligi li persuna anke jekk tkun ghada ma gietx awtorizzata mis-Sekond'Awla sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali, setghet tuza' l-

procedura ta’ mandat ta’ inibizzjoni. Kif din l-awtorizzazzjoni tinghata riedet tinfetah azzjoni fi zmien erbat ijiem.

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li l-azzjoni odjerna proposta mill-attrici sabiex jigi estiz definittivament il-mandat ta’ inibizzjoni mhiex wahda koncepibbli fil-ligi taghna ghaliex b’mod assolut mandat kawtelatorju in perpetwita’ huwa kontradizzjoni fih innifsu ghaliex dak li jsir in kawtela ma jistax ikun permanenti.

Illi fit-tieni lok jidher car li bl-istess talbiet attrici odjerni l-attrici ma hija qed tressaq ‘il quddiem l-ebda pretensjoni taghha ghad-dritt sostantiv u ghalhekk din l-azzjoni saret kontra dak propost fl-artikoli fuq citati u l-gurisprudenza li llum hija ben konstanti u preciza.  Illi fil-fatt jidher li d-dritt sostantiv pretiz mill-attrici kien gie mressaq il-quddiem gudizzjarjament bl-intavolar tal-kawza fl-istess ismijiet premessi Citazzjoni Numru 739/99/RCP konsistenti f’kawza ta’ separazzjoni personali li giet prezentata fis-26 ta’ Marzu 1999.  Dan iffisser li l-prezentata wkoll ta’ din l-kawza hija allura superfluwa, ghaliex kienet il-kawza l-ohra li ressqet ‘il quddiem id-dritt sostantantiv li jifforma l-bazi tal-hrug tal-mandati kawtelatorji.  Fi kwalunkwe kaz, l-istess kawza ta’ separazzjoi llum ma ghadhiex aktar tezisti ghaliex marret dezerta u allura l-attrici ma ghandha lanqas llum ebda kawza fejn id-dritt sostantiv fuq l-oggetti indikati fil-mandat premess jista’ jigi determinat, u ghalhekk l-azzjoni attrici kif proposta hija inkoncepibbli gudizzjarjament u ghandha tigi michuda.

Illi ghalhekk jirrizulta car li l-azzjoni attrici kif istitwita ma setghetx tirnexxi *stante* li t-talbiet kontenuti huma guridikament impossibli li jigu milqugha, ghaliex ma jistax ikun hemm ordni ta’ inibizzjoni permanenti, u anke ghaliex tali kawza ma saritx skond l-**artikolu 843 tal-Kap.12,** peress li ma resqitx ‘il quddiem id-dritt sostantiv mertu tal-mandat ta’ inibizzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li l-azzjoni attrici kif proposta ma hijiex guridikament proponibbli peress li ma saritx *ai termini* ta' l-**artikolu 843 tal-Kap.12** u ghalhekk l-istess talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------